**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 4 ta' Novembru 2019**

**Talba Numru 342/2018SFJ**

***Paul Zammit (697843M)***
***vs.***
***Għaqda Banda Żejtun A.D. 1933 (V.O. 0362)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2018 li permezz tiegħu l-attur ippremetta u talab:

- Illi f'Ġunju 1995 l-esponenti ġie inkarigat minn Joe Attard f'isem u għan-nom tal-għaqda konvenuta sabiex jagħmel xogħol ta' stampar u *finishing* tal-*magazine* tal-festa tal-istess għaqda konvenuta, jiġifieri l-*Programm Banda Żejtun 1995*.

- Illi x-xogħol sar u ħarġet il-fattura appożita, jiġifieri *Delivery Note* numru 000893 datata Ġunju 1995 u indirizzata lil Joe Attard (illum mejjet) fil-vesti tiegħu ta' president tal-għaqda konvenuta (dokument A anness).

- Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-ammont dovut lill-attur baqa' ma tħallasx.

- Illi għalkemm il-ħlas ma sarx, id-dejn minn dejjem kien rikonoxxut mill-għaqda konvenuta u qatt ma kien hemm kontestazzjoni dwar il-validità tal-pretensjoni, tant li l-mejjet Joe Attard kien iffirma żewġ *statements of account* oħra b'rikonoxximent tal-ammont dovut (dokumenti B u Ċ annessi).

- Illi minkejja dan kollu, l-għaqda konvenuta baqgħet tittrateni u l-ammont dovut għadu ma tħallasx.

- Illi għalhekk, l-għaqda konvenuta għandha tħallas lill-attur is-somma ta' **tlett elef u sitt mija u disgħa u sittin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€3,669.75)** oltre l-imgħax legali mit-30 ta' Ġunju 1995.

- Illi dawn il-fatti huma spjegati b'mod aktar dettaljat fl-affidavit relattiv (dokument D).

- Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-għaqda konvenuta għas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-għaqda konvenuta ippreżentata fl-20 ta' Awwissu 2018 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

- Illi l-firem fuq l-iskritturi li jinsabu fid-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba m'humiex ta' Joseph Attard.

- Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, anki jekk jirriżulta li l-firem huma fil-fatt tal-president preċedenti Joseph Attard, jingħad li dan qatt ma kien awtorizzat jidħol f'obbligi mingħajr il-kunsens tal-kumitat kif irid l-istatut tal-għaqda konvenuta. Fid-dawl ta' dan, kemm-il darba l-president preċedenti Joseph Attard irrikonoxxa ammont dovut lill-attur, dan sar fil-vesti personali tal-istess Joseph Attard u mhux fil-vesti tiegħu ta' president tal-għaqda konvenuta u għalhekk għandhom jissejħu fil-kawża l-eredi tal-mejjet Joseph Attard.

- Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba attriċi hija preskritta *ai termini* tal-Art. 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili.

- Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba attriċi hija preskritta *ai termini* tal-Art. 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili.

- Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

- Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ammont mitlub huwa eċċessiv.

- Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-imgħax ma jistax jiġi reklamat mid-data msemmija stante li l-għaqda konvenuta qatt ma ġiet interpellata għall-ħlas qabel saret din l-azzjoni u fi kwalunkwe każ, l-imgħax reklamat imur kontra l-prinċipju tal-*ultra duplum*.

- Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tad-12 ta' Ġunju 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-4 ta' Novembru 2019.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

L-attur xehed permezz ta' affidavit (fol. 5 u 6 tal-proċess). Huwa qal li fis-sena 1995, ftit xhur qabel il-festa ta' Santa Katarina fiż-Żejtun, kien avviċinah Joe Attard, li dak iż-żmien kien il-president tal-għaqda konvenuta u talbu jieħu ħsieb ix-xogħol kollu ta' stampar u *finishing* tal-*magazine* tal-festa. L-attur stampa elf u sitt mitt (1,600) kopja tal-*magazine* li ngħataw lill-membri tal-kumitat ta' dak iż-żmien. Huwa ħareġ ukoll *Delivery Note* numu 000893 datata Ġunju 1995 u indirizzata lil Joe Attard bħala president tal-għaqda u talbu jiffirmaha. Fl-istess xahar, l-attur ħareġ *statement of account* u reġa' talab lil Attard, fil-vesti tiegħu ta' president tal-għaqda, u talbu jiffirmaha. Dan iffirma u wiegħed li l-ħlas kien ser isir iżda fil-fatt, ma sarx. L-attur qal ukoll li kien dejjem jiġri wara Joe Attard sabiex isir il-ħlas iżda dan baqa' ma sarx. F'Awwissu 2017, Joe Attard kien sar jaf li l-attur kien marad serjament u għadda sal-istamperija tiegħu biex jistaqsih kif kien. Sar diskors fit-tul dwar il-marda u l-attur ħa l-opportunità sabiex jerġa jitolbu l-ħlas. Attard talab *invoice* u l-attur ħariġlu waħda dak il-ħin stess. Mal-attur kien hemm Dorita Portelli u Anthony Mizzi, li kienu żewġ klijenti oħrajn tal-attur, li semgħu id-diskors skambjat bejn l-attur u Joe Attard. L-attur ħareġ *statement of account* numru 1653 datat 5 ta' Settembru 2017 u talab lil Attard jiffirmaha. Dan iffirma, ħa d-dokument miegħu u qal li l-ħlas kien ser isir. Ġara iżda li f'Novembru 2017 Attard miet. Għall-ħabta ta' Frar 2018, l-attur kellem lis-segretarju tal-għaqda konvenuta sabiex jinfurmah dwar il-ftehim eżistenti bejnu u bejn Joe Attard u sabiex jinfurmah li kien wasal iż-żmien li l-pagament isir. Is-segretarju, ċertu Ġużeppi Agius, qal lill-attur li dan messu qal lilu biex isir il-pagament. L-attur wieġeb li billi hu kien kellem lil Joe Attard, dan dejjem baqa' jikkorrispondi miegħu dwar dik il-kwistjoni. Agius kien qal li kien ser ikellem lill-kumitat tal-għaqda iżda wara ftit żmien, il-kumitat kollu tneħħa u ġie ffurmat kumitat ġdid. Meta ra dan, l-attur ħa parir legali. L-attur ikkonferma wkoll li kien għadu ma tħallasx.

Fl-udjenza tal-20 ta Frar 2019 xehed **Anthony Mizzi**, prodott mill-attur. Dan xehed li xi sentejn qabel kien preżenti "*għand Pawlu*" (referenza għall-attur) u Joe Attard kien preżenti. Sar xi diskors dwar il-mard li kienu jbatu minnu l-attur u Joe Attard u mbagħad sar diskors dwar xi flus dovuti lill-attur minn Joe Attard (bħala president). Mizzi ikkonferma li l-firma fuq id-dokumenti immarkati B u Ċ kienet ta' Joe Attard u dan kien jafu għax kien attwalment ra lil Attard jiffirma u għaraf anki l-karta stess. Mizzi, iżda, ma setax jikkonferma li l-firma fuq dokument A kienet ta' Joe Attard.

Fil-kontro-eżami, Mizzi xehed li hu kien iżur lill-attur kull darba li jkollu bżonn jistampa xi *visiting cards*, li jidher li hija ħaġa rari, u meta jkollu bżonn xi affarijiet li jbigħ l-attur. Mizzi kien imur għand l-attur madwar darba f'sentejn. Fil-ġurnata in kwistjoni, l-attur kien qiegħed juri xi *cards* lix-xhud u lil persuna oħra fuq il-*computer*. Dan l-episodju seħħ madwar sentejn qabel. B'referenza għall-konverżazzjoni li seħħet bejn l-attur u Joe Attard, ix-xhud sema' biss lil Joe Attard jgħid li kien ser iħallas lill-attur. Billi Joe Attard kien is-sindku tal-lokalità, ix-xhud ma setax jippreċiża jekk il-flus li kellhomx jitħallsu kinux jirreferu għal Joe Attard fil-vesti tiegħu ta' sindku jew fil-vesti tiegħu ta' president tal-għaqda konvenuta. Minkejja dan, iktar 'il quddiem ix-xhud qal li kienu saru referenzi għall-każin tal-banda iżda ebda referenza għall-kunsill lokali.

Skont Mizzi, ftit ħin qabel bdiet il-konverżazzjoni dwar ħlasijiet, l-attur għamel sinjal lix-xhud sabiex dan jersaq viċin u jsegwi l-konverżazzjoni. Ix-xhud qal ukoll li billi hu kien jaħdem fil-ħabs, ġieli kien il-każ li huwa tressaq sabiex jixhed dwar konverżazzjonijiet bejn persuni oħrajn li huwa jkun sema'. Ix-xhud kien ċert biss li kien ra lil Joe Attard jiffirma d-dokument Ċ a fol. 4 tal-proċess.

Ix-xhud kompla jgħid li huwa ma setax jikkonferma li kien Joe Attard li ffirma d-dokumenti esebiti a fol. 22, 23, 24, 25 u 26 tal-proċess.

Mizzi kompla jixhed li huwa joqgħod madwar kwart ta' mil bogħod mill-attur u biddel il-verżjoni tiegħu fis-sens li qal li ġieli jmur jixtri mingħand l-attur u mbagħad qal li forsi madwar darba fis-sena.

Reġgħet saret referenza għal ċerta mara li allegatament kienet preżenti fil-ħanut meta x-xhud kien qiegħed jiġi muri xi *cards* fuq il-*computer* fil-ħanut tal-attur. Ix-xhud qal li dik il-mara kienet preżenti fil-kuritur tal-qorti fuq barra tal-awla. Ix-xhud ma kienx ċert kemm-il darba kien kellem lil din il-mara. Ix-xhud kompla jgħid b'referenza għal dokument Ċ li għalkemm qal li din kienet riċevuta, huwa qatt ma ra flus jgħaddu.

Fl-istess udjenza xehdet **Dorita Portelli**, prodotta mill-attur.Hija xehdet li l-attur kien jopera l-istamperija *Palprint Press* f'Bir id-Deheb. Għall-ħabta tal-bidu ta' Settembru 2017, Portelli marret fl-istamperija tal-attur sabiex tara l-*artwork* ta' xi *business cards* u f'dak il-ħin daħal ukoll Joe Attard, li Portelli għarfet bħala l-president tal-għaqda konvenuta u bħala sindku. Portelli kompliet tixhed li hija rat lil Joe Attard jiffirma d-dokument Ċ meta kienet madwar żewġ passi bogħod minnu. Skont ix-xhud, wara li Attard iffirma, huwa qal lill-attur li kien ser jieħu ħsieb iħallsu. Iżda Portelli ma kinitx taf x'ammont ta' flus kien dovut u r-raġuni li kien dovut. Meta mistoqsija kif kienet daqshekk ċerta li rat lil Joe Attard jiffirma d-dokument Ċ u mhux id-dokument B, hija wieġbet li hi kienet ratu jiffirma d-dokument Ċ. Eventwalment, Attard ħareġ mill-ħanut qabilha u għalhekk, hija kienet rat u semgħet kollox.

Mistoqsija dwar ix-xhud preċedenti, jiġifieri Anthony Mizzi, hija qalet li hija kienet ratu fil-ħanut tal-attur fil-ġurnata in kwistjoni iżda qatt ma kellmitu u ma kinitx taf ismu ħlief għal meta ġie msejjaħ biex jixhed. Portelli qalet ukoll li ma kinitx tafu.

Fil-kontro-eżami, Portelli xehdet li kien minnu li hi u x-xhud Anthony Mizzi ma kinux jafu lil xulxin u marru għand l-attur biex jordnaw *visiting cards* u b'kumbinazzjoni nzeertaw riedu l-istess *visiting cards* fl-istess ħin u dawn ġew iddisinjati fuq l-istess *computer* mill-istess persuna. Hija żiedet ukoll li "*rari*" kienet tmur fil-ħanut tal-attur. Portelli xehdet li kienet ċerta li Attard kien iffirma d-dokument li jinsab a fol. 4 tal-proċess. Hija qalet ukoll li l-attur kien qalilha biss sabiex titla' tixhed.

Fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2019 xehdet **Josephine Attard**, prodotta mill-għaqda konvenuta. Hija xehdet li kienet mart Joe Attard, li kien miet fit-18 ta' Novembru 2017 b'marda rari. B'referenza għad-dokumenti a fol. 2, 3 u 4 tal-proċess, Attard xehdet li żewġha ma kienx jiffirma hekk. Hija ipproduċiet kopji ta' żewġ ċekkijiet datati 25 ta' Ottubru 2017 u 4 ta' Novembru 2017 indirizzati lilha u ffirmati minn żewġha. Hija

qalet li qatt ma kienet rat firma ta' żewġha bħal dik li tinsab a fol. 2, 3 u 4 tal-proċess u żiedet li żewġha dejjem kien jiffirma kif jidher fiċ-ċekkijiet relattivi.

Fil-kontro-eżami li sarilha, Attard insistiet li żewġha dejjem kien jiffirma l-firma sħiħa tiegħu u qatt ma għamel l-inizjali tiegħu biss.

Fl-istess udjenza xehdet **Joanne Agius**, prodotta mill-għaqda konvenuta. Hija ġiet murija d-dokumenti a fol. 22 sa 25 u għarfet il-firma ta' Joe Attard. Meta murija d-dokumenti a fol. 2, 3 u 4 tal-proċess, hija qalet li hija dejjem kienet tiftakar lil Attard jiffirma bis-sħiħ u mhux bl-inizjali tiegħu. Hija kienet ħadmet ma' Attard għal ħamsa u għoxrin sena fil-kunsill lokali u sittax-il sena minnhom bħala viċi-sindku tiegħu. Kienet ukoll *chairperson* tas-sezzjoni tan-nisa tal-Għaqda Banda Żejtun għal tnax-il sena.

Rigward l-allegat dejn, hija xehdet li Attard qatt ma kien qalilha li kien hemm xi djun fuq l-edizzjoni tal-*magazine*tas-sena 1995. Minkejja li Agius kienet ġara tal-attur, f'erbgħa u għoxrin sena l-attur qatt ma kien semmielha li l-*magazine* tal-festa tal-1995 kien għadu ma tħallasx u lanqas qatt sar xi diskors quddiemha dwar dan.

B'referenza għad-dokumenti a fol. 2, 3 u 4 tal-proċess, Agius qalet li għalkemm Attard ġieli kien mitlub jagħmel l-inizjali tiegħu fuq xi dokumenti, dawn l-inizjali kienu differenti mill-inizjali li jinsabu a fol. 2, 3 u 4 tal-proċess. Rigward *invoices* jew *purchase orders*, li l-kunsill kien ikollu ħafna minnhom, Agius xehdet li dejjem kienet rat lil Attard jiffirmahom bil-firma sħiħa tiegħu u mhux bl-inizjali.

Fl-udjenza tat-8 ta' April 2019 xehed **Anton Falzon**, prodott mill-għaqda konvenuta. Falzon xehed li kien segretarju eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun u kien ilu fil-kariga għaxar snin. Id-dokumenti tal-kunsill kienu jieħdu ħsiebhom hu u Joe Attard meta dan tal-aħħar kien sindku. Falzon għaraf il-firem a fol. 22 sa 26 bħala ta' Joe Attard u qal li ġieli kien hemm okkażjonijiet meta Attard kellu jagħmel inizjali minflok firma. Falzon ippreżenta dokumenti immarkati AF1 u AF2. Rigward dokument AF2, Falzon xehed li l-firma ta' Joe Attard kienet tinsab fl-aħħar paġna tiegħu (fol. 118) u l-inizjali tiegħu kienu jinsabu a fol. 114 sa fol. 117.

Fil-kontro-eżami, Falzon ġie muri d-dokument a fol. 2 tal-proċess u qal li dawk l-inizjali ma kinux ta' Joe Attard.

Fl-istess udjenza sar il-kontro-eżami tal-attur. Hu xehed li meta ġew ordnati l-elf u sitt mitt kopja tal-*magazine*, ma kienx jiftakar jekk kienx Joe Attard stess li ġabar ix-xogħol jew kienx xi persuna oħra minn tal-każin. Hu qal li hu ma ħareġ ebda *invoice* sabiex ma jħallas ebda taxxa fuq il-valur miżjud meta hu jkun għadu ma tħallasx. Zammit qal li kien kellem lil xi nies oħra minn tal-każin dwar il-flus li kellu jitħallas. Ix-xhud qal ukoll li ġieli għamel xogħlijiet oħrajn għal Joe Attard, jiġifieri għall-każin, u tħallas.

Rigward ix-xhud Dorita Portelli, meta ikkonfrontat b'dak li xehdet Portelli meta qalet li ma kinitx tafu, l-attur qal li din kienet taħdem miegħu għoxrin sena qabel.

Fl-udjenza tat-20 ta' Mejju 2019 xehed **Lawrence Bartolo**, prodott mill-għaqda konvenuta. Hu xehed li fis-sena 1995 kien kaxxier fi ħdan l-għaqda konvenuta u qatt ma kien avviċinat minn Palprint Press rigward xi pagament għal xi *magazine*. Bartolo xehed li ħadd qatt ma kellmu dwar Palprint Press jew dwar xi flus dovuti lil dak in-negozju.

Fl-istess udjenza xehed **Joe Agius**, prodott mill-għaqda konvenuta. Dan xehed li sa fejn kien jaf hu, l-*magazine* relattiv kien imħallas u qatt ma sar diskors fis-sens li ntqal li Palprint Press kellha tieħu xi pagament. Lejn l-aħħar tas-sena 2017, l-attur kien żar lix-xhud u qallu li kien għadu ma tħallasx. Skont Agius, l-attur qallu li kien ikellem lil Joe Attard u Attard kien jgħidlu jħalli f'idejh. Meta Agius kellem lill-kumitat, ebda membru tal-kumitat ma qal li xi darba Attard kien qal lil xi ħadd minnhom li l-*magazine* tas-sena 1995 kien għadu ma tħallasx. Fil-kontro-eżami, Agius xehed li ċerti affarijiet kien jieħu ħsiebhom Joe Attard personalment u l-kumitat kien iħalli f'idejh. Fir-ri-eżami, Agius qal li anki meta Attard kien jieħu ħsieb xi affarijiet personalment, il-ħlasijiet jew kontijiet kienu jgħaddu mill-kumitat u Attard kien jgħidilhom x'kien ser jitħallas. Ġieli ġara li l-kumitat kien jawtorizza lil xi ħadd mhux membru tal-kumitat sabiex jinnegozja hu ma' xi fornitur. F'dan il-każ partikolari, ħadd qatt ma qal li Palprint Press ma kinitx tħallset.

Fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2019 reġgħet xehdet **Dorita Portelli**, prodotta in kontro-eżami mill-għaqda konvenuta. Hija xehdet li fix-xhieda preċedenti tagħha kienet infixlet u qalet li ma kinitx taf lill-attur meta dan ma kienx minnu. Fil-fatt, kif qalet hija stess fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2019, hija kienet ħadmet mal-attur għal bejn is-snin 1995 u 1998 u mbaghad bejn is-snin 2000 u 2001.

Fl-istess udjenza reġa' xehed l-attur in kontro-eżami u ikkonferma li Dorita Portelli kienet taħdem miegħu fil-passat.

Fl-istess udjenza xehed **Brian Bonnici**, prodott mill-għaqda konvenuta. Hu qal li minn riċerka li għamel fl-atti tal-għaqda konvenuta qatt ma sab referenza għal xi kont tal-Palprint relattivament għall-*magazine* tas-sena 1995.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal sejjer l-ewwel jindirizza l-eċċezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni.

L-Art. 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar, fost oħrajn, għal persuni li "*jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom*". L-Art. 2149(ċ) jistabbilixxi preskrizzjoni ta' sentejn għal persuni li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra.

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet ***<u>Anne Bonello vs. David Mallia</u>***, deċiża fl-24 ta' Mejju 2018, fejn ġie spjegat hekk:

> "*Kif spjegat il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha li tinsab riportata fil-Kollezz. Vol. XLII P III p 1151, il-preskrizzjoni stabbilita fl-**Art. 2148(a)** tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom.*
>
> *Fid-decizjoni riportata fil-Kollezz. Vol. XXXVIII P III p 710 jinghad hekk –*
>
>> *'Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara, u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri taghhom jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol - meta l-lokazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.'*"

Rigward l-Art. 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili, it-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) fl-ismijiet ***<u>Perit Guido Vella vs. Oliver Grech</u>***, deċiża fil-15 ta' April 2008, fejn intqal:

> "*…hi preskritta b'applikazzjoni tal-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili (Kap. 16). F'paragrafu (c) ta' dan il-provvediment hemm inkluz azzjonijiet ta' "arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu". Il-perjodu hu ta' sentejn. Fil-kawza **Joseph Aquilina nomine vs Edgar Ellul** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Gunju 1994:- "**il-konvenut li jeccepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ma jehtieglu jipprova xejn hlief li l-preskrizzjoni eccepita hi dik li tapplika ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv**. Dan stabbilit, sta ghall-attur kreditur li jaghzel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li tagħtih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizorju". Hekk ukoll fil-kawza **Guido J. Vella vs Dr. Emanuel Cefai** deciza mill-istess Qorti fil-5 ta' Ottubru 2001, gie osservat li fir-rigward ta' din l-eccezzjoni "min jaghtiha kellu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu u **cioe' li kien bhala fatt iddekora t-terminu statutorju preskrittiv**. **Dana mid-data minn meta l-***

> ***attur seta' jipproponi l-azzjoni**. Altrimenti kien japplika l-principju 'contra non valentem agere non currit prescriptio". Il-Qorti kompliet tghid li kien **"....jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekorri skond il-ligi t-terminu preskrittiv** u jekk kienx effettivament hekk iddekorra minn dak il-mument sal-mument meta tkun giet intavolata l-azzjoni" (enfazi tal-Qorti).*
>
> *Wiehed ma jridx jinsa li f'materja limitattiva tal-azzjoni, bhal ma hija l-preskrizzjoni, mhix ammissibbli l-interpretazzjoni estensiva, u l-preskrizzjoni hija istitut ta' interpretazzjoni strettissima (**Prof. Anthony J. Mamo ne vs Nutar Emmanuele Agius** deciza fil-25 ta' Novembru1957 mill-Qorti tal-Appell – Volum XLI.i.546).*"

It-Tribunal ma jħossx li negozju ta' stamperija jista' jitqies professjoni jew arti liberali u għalhekk, iqis li *se mai*, is-servizzi ta' *printing* jaqgħu taħt l-Art. 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk, l-azzjoni hija preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar.

It-Tribunal jirreferi għall-affidavit tal-attur (fol. 5 *et seq.*) u josserva dan:

- Fil-paragrafu numru 4 tal-affidavit l-attur jgħid li huwa ħareġ *statement of account* lil Joe Attard datat 10 ta' Ġunju 1995.

- Fil-paragrafu numru 5 tal-affidavit l-attur jgħid li l-pagament qatt ma sar u li hu kien dejjem isus wara Joe Attard sabiex isir il-ħlas. Skont l-attur, Attard kien dejjem iwiegħed li ser jasal il-pagament imma l-ħlas ma sarx.

- Fil-paragrafu numru 6 tal-affidavit l-attur jirreferi għal laqgħa li saret f'Awwissu 2017.

Mill-atti u mix-xhieda mismugħa ma jirriżultax li ntbagħtu ittri bonarji jew ittri uffiċjali, la lil Joe Attard u lanqas lill-għaqda konvenuta. Fil-fatt, jidher li fil-perjodu bejn Ġunju 1995 u Awwissu 2017, l-attur ma għamel xejn sabiex jipprova jitħallas. Dan huwa evidenti mill-affidavit tal-attur stess li f'ebda punt ma jispjega x'sar bejn is-snin 1995 u 2017. L-attur ma spjegax għaliex ma ħax passi konkreti sabiex jitħallas.

It-Tribunal josserva li għalkemm jirriżulta mix-xhieda ta' diversi persuni li Joe Attard kien jokkupa l-kariga ta' president tal-għaqda konvenuta, billi l-istatut tal-għaqda ma ġiex ippreżentat fl-atti ma jistax jiġi aċċertat jekk Attard, bħala president, kellux rappreżentanza legali u ġuridika tal-għaqda u għalhekk jekk kellux is-setgħa sabiex unilateralment jidħol f'obbligi ma' terzi u sabiex b'hekk jorbot lill-għaqda.

Dwar il-kwistjoni tal-firem, jeżisti konflitt fix-xhieda ta' Anthony Mizzi fejn l-ewwel dan qal li ra lil Joe Attard jiffirma dokument B u dokument Ċ u aktar tard, fil-kontro-eżami, qal li rah jiffirma dokument Ċ biss, filwaqt li x-xhieda mressqa mill-għaqda konvenuta kienet aktar kredibbli fejn Joanne Agius qalet li Joe Attard ġieli kien jikteb l-inizjali iżda kienu differenti mill-inizjali fid-dokumenti in kwistjoni. Fil-fatt, Anton Falzon qal l-istess ħaġa u ppreżenta dokument li fih hemm firma inizjali ta' Joe Attard.

It-Tribunal huwa konvint li persuna jista' jkollha verżjoni ta' inizjali tal-firma tagħha, speċjalment meta jiġu ffirmati riċevuti jew tintalab xi firma ta' malajr. Ma hemmx għalfejn tkun espert fil-firem biex *a occhio*, wieħed josserva li l-firem inizjali ta' Joe Attard fuq dokument ippreżentat a fol. 14 sa fol. 18 huma differenti mill-inizjali indikati fid-dokumenti A, B u Ċ a fol. 2 sa 4 tal-proċess.

Fir-rigward tax-xhieda ta' Anthony Mizzi u Dorita Portelli, li huma żewġ persuni li allegatament raw lil Joe Attard jiffirma xi dokumentazzjoni fl-istabbiliment tal-attur fl-2017, it-Tribunal jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

- Huwa diffiċli jitwemmen li Mizzi u Portelli, li skont ix-xhieda tagħhom stess ma kinux iżuru l-istabbiliment tal-attur b'mod frekwenti, donnhom inzertaw, b'kumbinazzjoni, li kienu preżenti fl-istabbiliment tal-attur dakinhar li mar Joe Attard. B'kumbinazzjoni akbar, inzertaw li t-tnejn kienu hemm sabiex jordnaw jew jaraw l-*artwork* ta' xi *business cards*!

- Jekk huwa minnu li l-attur ma kienx jaf jew ma tantx kien jaf lil Mizzi u lil Portelli, kif allura huwa ħassu komdu li jagħmlilhom sinjal sabiex jersqu lejn Attard u b’hekk jisimgħu l-konverżazzjoni kollha? Ċertament mhux normali li sid ta’ ħanut jagħmel sinjal lil persuni ordinarji li jkunu fil-ħanut sabiex jiġu u jisimgħu x’kien qiegħed jintqal bejnu u bejn persuna oħra!

- It-Tribunal assolutament ma jemminx li Mizzi u Portelli għarfu x’dokumenti Joe Attard kien allegatament qiegħed jiffirma. Kif jista’ jkun li Mizzi u Portelli, li ma kellhomx involviment personali fil-kwistjoni bejn l-attur u Joe Attard, joqogħdu daqshekk attenti u jżommu memorja daqshekk friska li fix-xhieda tagħhom ikunu daqshekk ċerti li raw lil Joe Attard jiffirma xi dokument? It-Tribunal qiegħed jintalab jemmen dan kollu meta diġà kien intqal li Mizzi u Portelli ma kinux jafu lill-attur jew kienu jafuh ftit li xejn!

- Filwaqt li Anthony Mizzi l-ewwel qal lil Joe Attard jiffirma dokument B u dokument Ċ, aktar tard huwa qal li rah jiffirma dokument Ċ. Oltre dan, kien konfliġġenti wkoll meta l-ewwel qal li ġieli jmur jixtri mingħand l-attur u mbagħad qal li forsi jmur darba fis-sena.

It-Tribunal jerġa’ jirreferi għall-affidavit tal-attur u josserva li mill-atti u mix-xhieda ma tirriżulta ebda raġuni għaliex ma ttieħdet ebda azzjoni bejn l-1995 u l-2017 sabiex isir il-ħlas.

Għalhekk, it-Tribunal qiegħed jilqa’ t-tielet eċċezzjoni tal-għaqda konvenuta u jiddikjara l-azzjoni preskritta *ai termini* tal-Art. 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiddikjara preskritta t-talba tal-attur u konsegwentement jiċħadha.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**